



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-4 ta' Diċembru 2019

Il-governanza fiskali tal-UE: jeħtieġ li r-rekwiżiti imposti fuq l-Istati Membri jissaħħu aktar u jiġu mmonitorjati aħjar, jgħidu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ aktar ir-rekwiżiti legali tagħha għall-oqfsa baġitarji nazzjonali u timmonitorja aħjar kif l-Istati Membri japplikawhom fil-prattika. F'bosta aspetti, dawn ir-rekwiżiti huma inqas stretti mill-istandards internazzjonali u sa issa l-Kummissjoni Ewropea kellha biss għarfien limitat dwar jekk il-pajjiżi japplikawhomx b'mod korrett. L-awdituri jwissu wkoll dwar ir-riskju ta' nuqqas ta' konsistenza bejn il-valutazzjonijiet mwettqa mill-Kummissjoni u dawk imwettqa mill-istituzzjonijiet fiskali indipendenti kemm fir-rigward tal-konformità tal-pajjiżi mar-regoli fiskali tal-UE, kif ukoll fir-rigward tal-effettività limitata tal-Bord Fiskali Ewropew minħabba l-fatt li mhux kompletament indipendenti mill-Kummissjoni.

Biex tirrimedja għall-kawża ewlenija tal-kriżi finanzjarja u ttejjeb il-governanza fiskali, partikolarment fiż-żona tal-euro, il-Kummissjoni kellha l-għan li tikkomplementa l-qafas fiskali tal-UE b'dispożizzjonijiet vinkolanti fil-livell nazzjonali. Fost affarijiet oħra, hija kienet tirrikjedi li l-Istati Membri jstabbilixxu istituzzjonijiet fiskali indipendenti, regoli fiskali nazzjonali u oqfsa baġitarji multi-snin. L-awdituri eżaminaw jekk ir-rekwiżiti tal-UE kinux saħħew l-oqfsa baġitarji nazzjonali u jekk il-Kummissjoni kinitx ivvalutat kif dawn kienu ġew applikati mill-Istati Membri.

"L-azzjoni leġislattiva tal-UE pprovdiet l-impetu biex jissaħħaħ il-mod kif l-Istati Membri jwettqu l-politiki fiskali tagħhom," qal Mihails Kozlovs, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport. "Madankollu, il-qafas legali tal-UE li jirregola l-oqfsa baġitarji nazzjonali huwa frammentat u hemm lok għal titjib."

L-għadd ta' regoli fiskali nazzjonali u ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti żdied b'mod sinifikanti b'segwitu għall-adozzjoni tal-ewwel direttiva tal-UE fl-2011, li stabbiliet ir-rekwiżiti minimi għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. Madankollu, l-awdituri sabu, li għadd ta' rekwiżiti ma jikkonformawx mal-istandards u mal-aħjar Prattika internazzjonali stabbiliti mill-FMI u mill-OECD, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti tal-Istati Membri. Jekk id-direttiva l-ġdida tal-UE li ġiet proposta fl-2017 tiġi approvata, din tkun tikkoreġi ħafna mid-dgħufijiet identifikati, iżda mhux kollha. Eżempju wieħed

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

li ġie enfasizzat mill-awdituri huwa l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni; id-definizzjoni taċ-ċirkustanzi li fihom għandu jiġi attivat il-mekkaniżmu għadha vaga.

Il-Kummissjoni esperjenzat dewmien fil-verifikazzjoni ta' jekk il-leġislazzjoni nazzjonali tikkonformax mar-rekwiżiti tal-UE, minħabba għadd ta' raġunijiet, iżda anki minħabba fatturi li ma jaqgħux taħt il-kontroll tagħha. Barra minn hekk, il-valutazzjonijiet tagħha ta' kif l-Istati Membri fil-fatt jimplementaw dawn ir-rekwiżiti jew għadhom ma twettqux jew inkella saru fi stadju bikri wisq biex ikunu sinifikattivi u għalhekk, skont l-awdituri, il-valur informattiv tagħhom huwa limitat. Attwalment, il-monitoraġġ tal-Kummissjoni jiddependi fuq l-informazzjoni li tiġi pprovduta mill-Istati Membri, li tiffoka prinċipalment fuq l-istruttura istituzzjonali aktar milli fuq l-operat reali tal-oqfsa baġitarji.

L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jivverifikaw jekk il-pajjiżi jikkonformawx mar-regoli fiskali nazzjonali u xi wħud minnhom jivverifikaw ukoll il-konformità mar-regoli fiskali tal-UE. Fil-każ tal-aħħar, kien hemm każijiet fejn il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti waslu għal konklużjonijiet differenti. Raġuni waħda għal dan kienet li l-Kummissjoni tista' tagħmel użu mis-setgħa diskrezzjonali tagħha u taċċetta "ċirkostanzi eċċezzjonali", bħala ġustifikazzjoni għal rekwiżiti ta' aġġustament li jkunu inqas stretti għall-pajjiżi li jkunu għadhom ma laħqux l-oġettivi baġitarji ta' terminu medju tagħhom.

Ir-rapport jenfasizza li t-twaqqif tal-Kumitat Fiskali Ewropew – li għandu l-kompitu li jivvaluta l-qafas fiskali tal-UE u l-adeqwatezza tal-pożizzjoni fiskali fiż-żona tal-euro u fil-livell nazzjonali – kien jikkostitwixxi pass 'il quddiem. Madankollu, hemm lok għal tisħiħ tar-rwol u l-indipendenza tiegħu. Attwalment il-Bord huwa korp konsultattiv tal-Kummissjoni, li mhux marbut bil-prinċipju "konformità jew spjegazzjoni", u jista' jinjora l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord mingħajr ma jipprovdni ebda raġuni jew jaqti spjegazzjoni xierqa.

L-awdituri jirrakkomandaw li l-Kummissjoni:

- tirrieżamina r-rekwiżiti tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali u tikkunsidra l-istandards u l-aħjar prattiki internazzjonali;
- ittejjeb l-aċċertament f'dak li jirrigwarda l-funzjonament tal-oqfsa baġitarji;
- Ittejjeb il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti biex timminimizza d-diverġenzi fil-valutazzjonijiet tal-konformità;
- issaħħaħ il-Bord Fiskali Ewropew.

Noti lill-Edituri

L-Istati Membri jżommu s-sovranieta' tagħhom fuq il-politiki baġitarji, iżda jeħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni bejn dawn il-politiki biex jiġu evitati effetti negattivi indiretti u theddid għall-istabbiltà monetarja fiż-żona tal-euro. Il-Kummissjoni tivvaluta l-konformità tal-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji tal-Istati Membri u l-programmi ta' stabbiltà u ta' konverġenza tagħhom mar-regoli baġitarji tal-UE.

Oqfsa baġitarji nazzjonali huma l-arranġamenti, il-proċeduri, ir-regoli u l-istituzzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-politiki baġitarji, inklużi l-istatistiċi, it-tbassir, l-ibbaġitjar annwali, l-oqfsa baġitarji ta' terminu medju, l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, ir-regoli fiskali u l-mekkaniżmu ta' korrezzjoni.

Ir-Rapport Speċjali Nru 22/2019: “Ir-reqwiziti tal-UE għall-oqfsa baġitarji nazzjonali: jeħtieġ li jissaħħu aktar u l-applikazzjoni tagħhom tiġi mmonitorjata aħjar” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE. Preċedentement, il-QEA eżaminat il-parti korrettiva u l-parti preventiva tal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir, kif ukoll il-proċedura ta’ żbilanċ makroekonomiku.

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport

Damijan Fišer – E: damijan.fiser@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 45510 / M: (+352) 621 552 224